# Network Dinji ta' Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Novembru 2019**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex, fil-Lvant tal-Qrib, jitnissel u jikber spirtu ta' djalogu, laqgħat u rikonċiljazzjoni, meta diversi komunitajiet reliġjużi jaqsmu ħajjithom flimkien.**

***Nitlob:***

Mulej, agħtini l-kuraġġ biex meta niltaqa' ma' xi ħadd li jħaddan reliġjon differenti, ma nfittixx dak li jifridna imma dak li jgħaqqadna.

***X'nista' nagħmel:***

Nipprova nfittex fuq reliġjonijiet oħra, ħalli nneħħi xi preġudizzju li jista' jkolli kontra min iħaddan reliġjon differenti.

f Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com